MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 504/2010

Francis **Gauci**

**Vs**

**Nazzareno Gauci, Carmen Gauci u Rita Sansone**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-14 ta’ Mejju 2010 l-attur ippremetta u talab:

1. Permezz ta’ kuntratt datat 3 ta’ Novembru 1992 pubblikat min-nutar Dr Mario Bugeja, xtara minghand ommu, Giuseppa Gauci, l-enfitewsi perpetwu tal-porzjon diviz tal-art tal-ghalqa msejha Tal-Bajjada, Zurrieq b’kejl ta’ 306 metri kwadru.
2. Il-konvenuti kkontestaw it-trasferiment permezz ta’ kawza fl-ismijiet Nazzareno Gauci et vs Francis Gauci et (2480/96), li giet deciza b’sentenza li nghatat fid-29 ta’ Ottubru 2009.
3. Sabiex il-konvenuti jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom kienu talbu l-hrug ta’ zewg mandati ta’ inibizzjoni (4020/1996 u 4312/1996) li ntlaqghu u l-attur gie mwaqqaf mili jiddisponi, jittrasferixxi jew jikkoncedu bi kwalsiasi titolu, xi dritt jew titolu iehor fuq xi parti mir-raba’ formanti l-oggett tal-iskrittura tat-23 ta’ Settembru 1993 jew tal-kuntratt tat-3 ta’ Novembru 1992 u/jew fuq xi raba’ jew proprjeta jew oggetti mobbli ohra derivanti mill-wirt tal-genituri taghhom.
4. Il-mandat baqa’ fis-sehh ghaz-zmien kollu li damet il-kawza u cioe 13 il-sena, u l-attur zviluppa l-art billi bena garaxx kbir u sitt maisonettes.
5. Minhabba l-mandati l-attur sofra danni ghaliex ma setax ibiegh jew jikri.
6. Kif jirrizulta minn certifikat tal-perit Edwin Mintoff datat 19 ta’ Gunju 2004, il-valur lokatizju tal-garaxx li nbena f’Settembru 2003 kien ta’ Lm2,800 fis-sena.

L-attur talab li l-qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ottjenew il-mandati malament, vessatorjament u minghajr htiega u kontra l-ligi.
2. Tiddikjara li huma responsabbli ghad-danni li sofra l-attur.
3. Tillikwida d-danni.
4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuh id-danni likwidati.

Il-konvenuti wiegbu (fol. 9):

1. Il-konvenuti ezercitaw id-dritt taghhom skond il-ligi, in buona fede u wara li kienu hadu parir professjonali mediku u legali, fl-ambitu ta’ dak kollu mehtieg ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.
2. Fl-ebda parti tas-sentenza li nghatat fid-29 ta’ Ottubru 2009 ma ssemma li l-pretensjonijiet tal-konvenuti kienu inutli jew vessatorji.
3. Bla pregudizzju:
    a. qatt ma opponew, fil-principju, ghat-talba tal-attur sabiex jikri xi wiehed jew aktar mill-proprjetajiet. Huma talbu taghrif dettaljat u li l-kera tigi depozitata bil-mod li jiftehemu l-partijiet.
    b. Ghal dak li jirrigwarda bejgh, huma dejjem urew ruhhom disposti li jaghtu kunsens ghar-revoka, totali jew parzjali, meta l-attur juri provi cari u konkreti tad-danni attwali li seta’ jsofri f’kaz li ma jsirx il-bejgh.
4. L-oneru tal-prova li l-attur sofra danni qieghed kollu fuqu.

5. M’ghandhomx ibatu spejjez ghaliex l-attur seta’ jressaq il-pretensjoni tieghu permezz ta’ rikors semplici skond l-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 u b’hekk inaqqas l-ispejjez.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti, inkluz dawk tal-kawza 2480/96 u tal-mandati ta’ inibizzjoni fuq imsemmija.

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob danni minghand il-konvenuti minhabba li jsostni li l-hrug tal-mandati ta’ inibizzjoni numru 4020/1996 u 4312/1996 saru *"malament, vessatorjament, u minghajr htiega u kontra l-ligi.".* L-attur isostni li minhabba dawn il-mandati ma kienx possibbli ghalih li jikri jew ibiegh il-bini li kien zviluppa. F’nota li pprezenta fis-17 ta’ Jannar 2011 iddikjara li d-danni huma fis-somma ta’ mija u disgha u sittin elf mija u tlieta u tletin ewro u hamsin centezmu (€169,133.50), li jikkonsistu:

i. F’telf ta’ kera fl-ammont ta’ €39,133.50 ghaliex ighid li ghall-perjodu ta’ sitt (6) snin ma setax jikri l-garaxx li bena fuq l-art li ttrasferiet ommu bl-att tat-3 ta’ Novembru 1992;
ii. F’telf ta’ valur ta’ proprjeta fl-ammont ta’ €130,000 peress li jsostni li l-valur tal-maisonettes li kienu nbnew fl-1 ta’ Dicembru 2004, kien ta’ €550,000 u llum dan hu ta’ €420,000.

Jirrizulta li d-danni huma bazati fuq stimi li ghamel il-perit Edwin Mintoff fuq inkarigu tal-attur.

Jirrizulta li bejn il-konvenuti, l-attur u nies ohra kien hemm kawza fejn kien qieghed jigi mpunjat:

i. kuntratt ta’ koncessjoni enfitewtika perpetwa (**3 ta’ Novembru 1992** atti nutar Dr Mario Bugeja) ta’ porzjon art li Giuseppa Gauci, omm il-kontendenti, tat lill-attur. Fic-citazzjoni l-atturi kienu qeghdin isostnu li:

   (a) Giuseppa ma kenitx mentalment kapaci li tifhem dak li qeghda taghmel;
   (b) Frans Gauci b’kolluzjoni u ftehim ma’ ommu u whud minn hutu, ghamel minn kollox biex jiddefrawda lill-konvenuti.

ii. skrittura privata datata **23 ta’ Settembru 1993** li biha Giuseppa Gauci dawret fuq isem Frans Gauci raba’ li kienet bi qbiela. Nazzareno Gauci kien qieghed isostni t-titolu fuq din ir-raba’ kien jispetta lilu peress li hu kien qieghed jahdimha meta miet missieru. Mir-rikors guramentat jidher li dwar

din ir-raba’ l-attur ma ressaq l-ebda ilment gialadarba hi mqabbla ghandu u l-indikazzjoni hi li baqa’ jaghmel uzu minnha.

Jibda biex jinghad li l-qorti tara kontradizzjoni bejn iz-zewg kawzali relatati mal-kuntratt tat-3 ta’ Novembru 1992. Qieghed jinghad hekk ghaliex it-tezi li l-omm ma kellix il-kapacita mentali li taghmel il-kuntratt m’hijiex kompatibbli mal-kawzali li kien hemm xi kolluzzjoni bejn l-omm u binha Francis Gauci. Min m’huwiex mentalment kapaci jaghmel kuntratt ma jistax ikun kapaci li jqarraq b’haddiehor. Madankollu l-qorti rat l-atti tal-kawza **Nazzareno Gauci et vs Francis Gauci et** (2480/96), u hu evidenti li l-konvenuti bbazaw il-provi fuq il-kawzali li l-omm ma kellix il-kapacita mentali li tikkuntratta.

B’rizultat tal-mandat ta’ inibizzjoni l-attur ma setax jiddisponi mill-art oggett tal-kuntratt tat-3 ta’ Novembru 1992 u l-qbiela li ommu dawret f’ismu.

Mill-atti tal-kawza 2480/96 jirrizulta li l-konvenuti tal-lum kienu qeghdin jibbazaw it-tezi li ommhom kienet mentalment inkapaci taghmel il-kuntratt tat-3 ta’ Novembru 1992, fuq certifikati medici: ta’

1. **Dr Louis Buhagiar**, datat 30 ta’ April 1996 –

   *“This is to certify that this lady was under my care for a number of years both privately and at St Luke’s Hospital. She suffered from severe cerebrovascular disease and had suffered recurrent cerebrovascular events to the extent that for a number of years she could not understand the spoken words and had lost insight into her condition.*

   *Her demise was from the same basic disease but was unexpected and sudden. She would have been unable to dicatate her will and in the end had no time to do so because of her sudden and final deterioration.”.*

2. **Dr Edward Gatt**, datat 18 ta’ Gunju 1996 –

   *“Mrs Giuseppa Gauci who died on 1st Feb 1996, had been under my treatment for the last twenty years. She had several attacks of cerebro vascular ischaemia & her mental condition deteriorated progressively. She was unable to do a will because of her mental condition.”.*

Fil-kawza l-qorti kienet inkarigat espert mediku sabiex wara li jezamina l-istorja klinika ta’ Giuseppa Gauci u l-provi, jaghti l-opinjoni tieghu dwar il-kapacita mentali taghha biex taghmel kuntratti. Il-konkluzjoni tal-perit mediku, wara ezami tal-provi li ressqu l-partijiet b’accenn ghat-tobba u nutara, kienet li fid-data tal-kuntratt Giuseppa Gauci kienet taf

x'qeghda taghmel. Pero' semma li seta' kien il-kaz li kienet qeghda tbati minn espisodji ta' konfuzjoni mentali. Fil-fatt dan gie kkonfermat kemm mit-tabib Dr Edward Gatt u t-tabib Dr Louis Buhagiar.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur isostni li l-konvenuti ghandhom iwiegbu ghad-danni minhabba:

i. Agir imprudenti u t-talba vessatorja li ghamlu. F'dan il-kuntest isostni li l-atturi naqsu milli jimxu skond l-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili li jipprovdi *"Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu."*.
ii. L-attur hu ntitolat ghal rimedju;

L-ghan wara l-mandati ta' inibizzjoni msemmija kien ovvjament garanzija fl-eventwalita' li l-kawza jkollha ezitu favorevoli ghall-konvenuti, u f'liema eventwalita' l-art kienet terga' tidhol fil-wirt ta' Giuseppa Gauci, li minnhom kellhom sehem. Il-qorti qieset l-argumenti li ghamel l-attur u tosserva:

1. L-attur isostni li wkoll kieku l-proprjeta' dahlet lura fil-wirt ta' l-omm, xorta kienet tigi assenjata lilu b'applikazzjoni tal-Artikolu 503 tal-Kodici Civili. Pero' din hi biss kongettura gialadarba m'hemmx provi dwar il-konsistenza tal-wirt u jekk kienx hemm bizzejjed gid biex jinqasam bejn il-werrieta kollha ta' Giuseppa Gauci.

2. Il-qorti ma tifhimx kif l-attur qieghed jilmenta minn telf ta' kirjiet tal-garaxx, meta facilment seta' jitlob il-permess tal-qorti u jintrabat li l-kera tigi depozitata fil-qorti. Minn korrispondenza li ntbaghatet mill-konvenuti hu car li huma kienu propensi li jaslu f'arrangament. Ir-riferenza ghad-dritt ta' koproprjetarju li jikri beni, hi dghajfa meta tqies li l-koproprjetarji l-ohra ghandhom dritt li jitolbu li l-kirja tigi annullata fejn ma tkunx saret bil-kunsens taghhom.

3. Ghalkemm il-konvenut kien irrabjat ghal mod kif agixxa l-attur, dan ma jfissirx li l-mandati kawtelatorji ntalbu b'vendikazzjoni. Hu ovvju li jqumu domandi dwar il-mod kif saru l-affarijiet. Hu evidenti li l-ghan wara l-kuntratti, oggett tal-kawza 2480/96, kien biex l-attur jiehu vantagg fuq hutu. Dan meta tqies li l-koncessjoni enfitewtika perpetwa fuq porzjon art ghas-somma mizera ta' Lm100 fis-sena. Il-qorti ma tara xejn stramb li bl-istorja medika li kellha l-omm, bazat fuq l-opinjoni ta' tobba li kienu jikkurawha u espressa f'zewg certifikati medici li nhargu qabel giet prezentata l-kawza, il-konvenuti

kkontestaw l-kapacita' mentali tal-omm biex iccedi l-qbiela u taghti koncessjoni enfitewtika lill-attur.

4. Il-qorti ma taqbilx li mill-bidunett kien impossibbli ghall-konvenuti li jaghtu prova li l-omm ma kenitx mentalment kapaci li taghmel kuntratt. Il-konvenut kellhom parir ta' Dr Louis Buhagiar u wkoll certifikat tat-tabib Dr Edward Gatt li kien ilu jikkuraha ghal snin twal. Hu veru li l-presunzjoni hi favur il-validita' tal-kuntratt u li l-kaz ma kien xejn facli ghal min ipproponih. Madankollu fil-fehma tal-qorti dan il-kaz ma kienx wiehed fejn min jipproponi l-kawza jkun qieghed iwebbes rasu. Qabel ipproponew il-kawza l-atturi fittxew parir mediku minghand tobba li kienu jikkuraw lil Giuseppa Gauci, u a bazi tac-certifikati medici l-qorti ma tara xejn stramb li d-difensur ta parir lill-konvenuti li jipproponu l-kawza[1]. Hu veru li c-certifikati medici saru fl-1996, cjoe' wara l-mewt tal-omm. Madankollu jibqa' 'l fatt li dawn saru minn tobba li kienu jikkurawha. Ghalhekk kienu tobba midhla taghha li kienu jafu l-mard li kellha. Fic-certifikat tat-tabib Buhagiar tat-30 ta' April 1996 jinghad li l-pazjenta ***"....for a number of years she could not understand the spoken word and had lost insight into her condition."***. Kliem b'sahhtu li fil-fehma tal-qorti jaghti l-messagg li Giuseppa Gauci me kellix l-uzu tar-raguni[2]. Kien biss mill-provi li rrizulta li t-tabib Buhagiar kien hareg certifikat mediku iehor, din id-darba lill-attur, li kien ighid li l-omma ma kellix kapacita mentali taghmel testment bejn l-1 ta' Jannar 1996 u l-1 ta' Frar 1996. Pero fic-certifikat mediku tat-30 ta' April 1996 m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-inkapacita kienet ghall-perjodu hekk qasir. Sfortunatament cirkostanzi simili jatu lok ghal incertezzi u kwistjonijiet bla bzonn. Tabib ghandu d-dmir li meta johrog certifikati medici:

- ikun car f'dak li jghid;
- ma jkun influwenzat minn hadd. It-tabib m'ghandux ighid affarijiet kontradittorji, kif jidher li gara f'dan il-kaz. Il-qorti ma tifhimex kif tabib ighid li pazjenta ghal numru ta' snin kienet inkapaci li tifhem *'the spoken word and had lost insight into her condition'*, imbaghad f'certifikat iehor mahrug lill-parti ohra ighid li l-inkapacita' li taghmel testment kien ghall-perjodu ta' xahar. Kontradizzjonijiet li ma jirriflettux tajjeb.

Certifikati medici ohra li saret riferenza ghalihom mill-attur, huma dawk tat-tabib Dr Raymond Sammut. F'certifikat tas-7 ta' Mejju 1996 jinghad li kien ezamina lil Giuseppa Gauci fit-22 ta' Jannar 1996; *"Mentally she was stable and had a good memory that day on 22.1.96"*. Pero' min-naha l-ohra t-tabib Dr Buhagiar fit-tieni certifikat mediku li hareg fuq talba tal-istess attur qal li f'Jannar 1996 ma kellix kapacita' mentali. Il-qorti rat ukoll ic-certifikati medici l-ohra li gew prezentati mill-atturi man-nota tal-eccezzjonijiet li pprezenta fil-kawza 2480/96. Jidher li fir-rigward tal-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1992, l-attur talab lil Dr Raymond Sammut biex jaghmel certifikat. F'certifikat datat 2

[1] Ara deposizzjoni ta' Dr Norval Desira fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 (fol. 206).
[2] Ara Artikolu 968 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

ta' Novembru 1992 jinghad li Giuseppa Gauci hi *".... of sound mind and very capable of making decisions and handling her own affaris."*. Pero' fic-certifikat ma jinghadx jekk kenitx mentalment kapaci li taghmel kuntratt ta' enfitewsi perpetwa fejn kull ma kienet ser tircievi kien hlas ta' cens ta' Lm100 fis-sena.

5. Ukoll jekk wiehed ma kellux jistrieh fuq l-ewwel certifikat mediku tat-tabib Buhagiar u l-iehor tat-tabib Gatt, meta xehedu rrizulta kif wara l-puplesija kienet tbati minn mumenti ta' konfuzjoni mentali. Ovvjament kien biss wara li ngabru l-provi li gie konkluz li l-konvenuti ma kienux taw prova li l-omm ma kellix il-kapacita' mentali biex taghmel il-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1992. Dan wara li l-qorti ghamlet apprezzament tad-diversi provi li kull parti ressqet in sostenn tat-tezi taghha, bl-ghajnuna tal-opinjoni tal-perit mediku.

6. Fil-kawza 2480/96 il-perit mediku rrelata: *".... **<u>huwa gustifikat</u>** li wiehed isaqsi jekk is-Sinjura Gauci kellhiex il-fakultajiet kollha mentali meta resqet quddiem in-nutar ghat-testment, kuntratti u skritturi ohra."* (enfazi mizjuda). Kliem li fil-fehma tal-qorti jatuk x'tifhem li l-pretensjoni ma kenitx fiergha jew vessatorja.

7. Fl-ebda parti tas-sentenza ma ssemma li fil-fehma tal-qorti il-kawza kienet saret b'mod kapriccjuz. Il-qorti ghamlet apprezzament tal-provi u waslet ghal konkluzjoni taghha bazat fuq dak li rrelata l-perit mediku. Fis-sentenza ma sar l-ebda kumment negattiv ghal fatt li saret il-kawza. Dan fih innifsu hu ndizju li l-qorti ma qiesitx li l-kaz kien frivolu jew vessatorju.

8. Jekk l-attur kien daqstant konvint li l-mandati ntalbu vessatorjament, x'kienet ir-raguni li dam dawk is-snin kollha jressaq il-provi ? Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2003 il-konvenuti tal-lum kienu ghalqu l-provi. Dan apparti li kien l-attur tal-lum li fil-kawza 2480/1996 kien talab in-nomina ta' espert mediku fin-newrologija sabiex jirrelata dwar l-istat mentali ta' Giuseppa Gauci. Cirkostanzi li ghall-qorti huma ndizju iehor li l-attur stess ma kienx qieghed iqies li l-pretensjoni tal-konvenuti saret b'mod frivolu u kappricjuz.

9. Ghal dak li jikkoncerna r-raba' bi qbiela, li Giuseppa Gauci dawret fuq l-attur, hu evidenti li l-mandati ta' inibizzjoni ma kellhom l-ebda effett peress li l-attur baqa' jgawdi r-raba' u ma jirrizultax li kellu xi dritt li jcedi l-kirja lil terzi.

10. Il-qorti hi tal-fehma li b'dawn il-proceduri l-attur qieghed jipprova jaghmel kapital u mhux ghaliex verament sofra xi danni. L-attur xehed li *"izda kif jaf kullhadd fil-fatt is-suq tal-bini gie fix-xejn u llum il-grunata lanqas bla qliegh ma tbiegh"* (fol. 142). Fil-fehma tal-qorti din hi ezagerazzjoni. Mill-provi lanqas ma rrizulta li wara li s-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009 saret gudikat, l-attur ipprova jbiegh jew jikri l-proprjeta. Hu veru li l-perit Edwin Mintoff ghamel

stima li l-maisonettes saru jiswew €130,000 inqas mill-valur li kellhom fis-sena 2004. Pero f’dan ir-rigward:

(a) ix-xhud m’huwiex indipendenti;
(b) l-opinjoni li ta x-xhud m’hijiex motivata;
(c) fil-qasam tal-bini n-norma hi li l-valur tal-proprjeta tapprezza ruhha u mhux tiddeprezza;
(d) kienet decizjoni ibera tal-attur li jizviluppa l-art meta kien jaf li l-art milquta minn mandat ta’ inibizzjoni;

Wara li l-qorti qrat l-atti ma tistax tikkonkludi li l-kawza **Nazzareno Gauci et vs Francis Gauci et** (2480/96) saret b’mod kapriccjuz sal-punt li mill-bidunett il-pretensjoni tal-attur ma kellha l-ebda bazi **fil-fatt**. Il-fatt li attur ma jirbahx il-kawza ma jfissirx li l-azzjoni li ppropona tkun saret b’mod kapriccjuz. Il-qorti lanqas ma tista’ tikkonkludi li l-mandati ta’ inibizzjoni saru biex idejqu lill-attur. Kif osservat din il-qorti[3] fil-kawza **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri**, tal-10 ta’ Jannar 1992: *“L-element tal-vessatorjeta’ jimplika certu grad ta’ kolposita’, ta’ kattiverja.”*. Element li l-qorti ma ssibx fil-konvenuti.

L-attur isostni wkoll li b’applikazzjoni tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 ghandu dritt li jitlob ghad-danni wara li fil-kawza **Gauci et vs Gauci et** (Cit. 2480/96) it-talbiet tal-konvenuti gew michuda. L-Artikolu jipprovdi:

*“**Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta’ qabel dan**, il-qorti tista’, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat…….”* (enfazi mizjuda).

Fil-fehma tal-qorti r-riferenza ghad-decizjoni fil-kaz **Busietta Gardens Madliena Limited vs Civil Engineering and Contractors Company Limited et** (11 ta’ Jannar 2002) ma tistax tghin it-tezi tal-attur. Il-bran li hu stess iccita jaqra:

*“id-disposizzjoni (art. 836(9)) tfisser biss illi, **fil-kazijiet fejn tista’ ssir kundanna ghall-hlas ta’ penali**, jistghu wkoll jinghataw id-danni – il-penali ma hix rimedju wahdieni; jistghu jinghataw wkoll id-danni, u l-fatt li tinghata penali ma jeskludix li jinghataw wkoll id-danni.”* (enfazi mizjuda).

---

[3] Imhallef J. Said Pullicino.

Imkien fil-ligi mhu kontemplat li 'l fatt wahdu li ghaliex:-

(a) inhareg mandat kawtelatorju; abbinat mal-fatt li
(b) l-kawza dwar il-jedd pretiz tkun intilfet mill-persuna li titlob il-hrug tal-mandat kawtelatorju;

jaghti jedd lir-rebbieh li jitlob id-danni.

F'dan il-punt il-qorti terga' taghmel riferenza ghas-sentenza fuq citata ta' **Spiteri vs Camilleri**, fejn inghad:

*"Hu car ukoll li bis-sentenza, necessarjament parti trid tinghata ragun u l-ohra le, w allura din l-ahhar parti trid tissokkombi ghall-gudizzju.* ***Imma jekk l-parti telliefa tinzerta li tkun l-attur, dan ma jfissirx necessarjament illi hu ikun abbuza mid-dritt tieghu li jadixxi lill-qorti biex jitlob il-protezzjoni tad-drittijiet li, f'dak il-mument, hu ikun jippretendi li jispettaw lilu****..."* (enfazi mizjuda).

Inoltre, il-ligi hi cara. Id-dritt ghad-danni hu moghti fil-kazijiet fejn tista' ssir kundanna ghall-hlas ta' penali. Dawn il-kazijiet huma elenkati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12. Ghalhekk kawza ghad-danni wara l-hrug ta' mandat ta' kawtelatorju ma tistax tintrebah biss minhabba li l-kawza ghall-jedd pretiz tinqata' kontra min talab il-hrug tal-mandat. L-ispirtu tal-ligi hu car, cjoe' li persuna m'ghandix tigi penalizzata talli uzat id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-qorti ghall-protezzjoni tal-pretizi drittijiet taghha. Wara li l-qorti rat l-atti tal-kawza 2480/96 ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-konvenuti abbuzaw mid-dritt taghhom.

Fil-fehma tal-qorti l-atturi kellhom dritt jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhala garanzija ghall-pretensjoni li kellhom. Gialadarba l-qorti m'hijiex sodisfatta li t-talba saret b'mod malizzjuz, frivolu u vessatorju mela m'hemmx responsabbilta'.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------